# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru, 2024.**

**Numru 13**

**Rikors maħluf numru 470/2019/1 GM**

**Jason Masini**

***v.***

**Albert Marshall bħala *chairman* f'isem il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura;**

**Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali;**

**Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali;**

**Mario Cutajar bħala Segretarju Permanenti Ewlieni u Segretarju tal-Kabinett f'isem *International Conferences 2015* u *CHOGM Taskforce*;**

***Fondazzjoni Valletta 2018*;**

**Il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija;**

**Il-Ministru tal-Finanzi għal kull interess li jista' jkollu;**
**u**

**s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi għal kull interess li jista' jkollu**

1. Dan huwa appell tal-konvenuta *Fondazzjoni Valletta 2018* ["il-fondazzjoni"], u żewġ appelli inċidentali, wieħed tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija ["il-kulleġġ"] u l-ieħor tal-attur Jason Masini, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru 2022 illi, wara li ċaħdet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u ħelset lil uħud mill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju, ikkundannat oħrajn mill-konvenuti jħallsu lill-attur sehemhom mis-salarji u *allowances* dovuti lilu. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur igħid illi kien jaħdem bħala *lecturer* fil-kulleġġ u, b'seħħ mill-1 ta' Settembru 2013, kien trasferit mill-kulleġġ għal pożizzjoni bl-istess grad mal-Kunsill Malti għal Kultura u l-Arti ["il-kunsill"] iżda sal-31 ta' Diċembru 2013 kien jirċievi s-salarju mingħand il-kulleġġ. Barra x-xogħol li kien jagħmel għall-kunsill, l-attur kien jagħmel xogħol ukoll b'rabta ma' *CHOGM*[1] u mal-*Fondazzjoni Valletta 2018* ["il-fondazzjoni"], iżda għal dan ix-xogħol ma tħallasx, u wkoll ma tħallasx is-salarju u *allowances* dovuti mill-1 ta' Jannar 2014 sat-30 ta' Settembru 2017.

3. Igħid għalhekk illi għandu jieħu mija u erbatax-il elf, tmien mija u sebgħa u għoxrin euro u ħamsin ċenteżmu (€ 114,827.50).

4. Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuti biex iħallsu dak li għandhom jagħtuh, l-attur fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li r-rikorrenti għandu jitħallas is-somma ta' mija u erbatax-il elf, tmien mija u sebgħa u għoxrin euro u ħamsin ċenteżmu (€ 114,827.50) mingħand l-intimati jew min minnhom rappreżentanti salarji u *allowances* dovuti lill-istess rikorrenti għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 20l4 u l-20 ta' Settembru 2017;

1 *Commonwealth Heads of Government Meeting*

»2. tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom huma debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' € 114,827.50;

»3. tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti is-somma ta' € 114,827.50.«

5. Il-konvenuti ikkontestaw it-talbiet tal-attur, u wħud minnhom ressqu wkoll eċċezzjoni ta' ħlas, ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva, u ta' preskrizzjoni taħt l-artt. 2147(*a*) u 2148(*d*) tal-Kodiċi Ċivili.

6. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»1. tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-artikolu 2148(*d*) tal-Kodiċi Ċivili;

»2. teħles lill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali; lil Mario Cutajar fil-vesti tiegħu bħala *Principal Permanent Secretary and Cabinet Secretary*; lill-Ministru tal-Finanzi u lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi mill-osservanza tal-ġudizzju;

»3. tilqa' *in parte* l-ewwel talba u t-tieni talba billi tiddikjara li l-attur għandu jitħallas is-somma ta' € 114,579.76 kwantu għas-somma ta':

»• € 44,792 mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura;

»• € 2,516 mingħand Mario Cutajar in rapprezentanza tal-*International Conferences 2015* u ċ-*CHOGM Taskforce*; u

»• € 67,272 mingħand il-*Fondazzjoni Valletta 2018* rappreżentanti salarji u *allowances* dovuti lill-istess rikorrenti għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-20 ta' Settembru 2017.

»4. tilqa' t-tielet talba, billi tikkundanna lill-konvenuti msemmija fit-tielet paragrafu *supra* sabiex iħallsu lill-attur is-somom rispettivi hekk likwidati.

»Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra ufficjali numru 4273/2017 a kariku tal-konvenuti kull wieħed a proporzjon tas-somma li għandu jħallas.

»Bl-imgħax legali ta' 8% fis-sena mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv.«

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

»L-attur kien *lecturer* mal-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (*MCAST*) fl-Istitut tal-Inġinerija sa mis-sena 2001 fuq bażi *full time* u kien jagħmel xi xogħol ta' konsulenza teknika mal-Kunsill Malti tal-Arti fuq bazi *part-time*. L-attur qed jitlob ħlas ta' salarju tiegħu mill-1 ta'

Jannar 2014 sat-30 ta' Settembru 2017 għall-ammont globali ta' €114,827.50 mingħand diversi entitajiet governattivi li jsostni li ħadem għalihom f'dan iż-żmien. Mill-provi esebiti jidher li l-fatti seħħew, bil-mod kronoloġiku li ġej:

»Xogħol mal-Kunsill Malti għall-Arti:

»F'Ġunju 2013 is-Sur Albert Marshall, *chairman* tal-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti, talab lill-*MCAST* sabiex l-attur jiġi ssekondat mal-Kunsill tal-Arti. Dan seħħ b'effett mill-1 ta' Settembru 2013. Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija iżda aċċetta li jkopri s-salarju tal-attur sal-aħħar ta' Diċembru 2013. Is-Sur Marshall kellu bżonn persuna li setgħet tamministra s-sit *Pjazza Teatru Rjal* (*it-teatru l-imwaqqa'*) minħabba riġenerazzjoni kulturali ta' dan is-sit. Peress li diġà kien ħadem mal-attur fil-passat, deherlu li hu kien il-persuna tajba għal dan ix-xogħol.

»Ix-xogħol tal-attur kien bħala *technician* ma' *Pjazza Tejatru Rjal* taħt il-kappa tal-*Arts Council Malta*. L-attur ippreżenta xi ritratti biex juri dan. Ipproduċa diversi xhieda li kkonfermaw li kien jaħdem sigħat twal għaliex ma kienx hemm biżżejjed impjegati miegħu. Is-salarju tal-attur kellu joħroġ min-naħa tal-Ministeru tal-Kultura mis-sena 2014 sa nofs is-sena 2015. F'nofs is-sena 2015 s-salarju kellu joħroġ mill-Kunsill Malti għall-Arti.

»Skont is-Sur Marshall, jidher li qatt ma sar kuntratt formali għall-impjieg tal-attur minħabba burokrazija u għalhekk ma setgħux jinħarġu pagamenti għas-salarju tal-attur.

»Skont Johann Galea li kien *director corporate affairs* tal-*Art Council Malta* l-attur qatt ma tniżżel bħala parti mill-i*staff list* tal-*Arts Council Malta*. Skontu, l-attur ma kienx issekondat imma kien *on loan* u dejjem kellu l-opzjoni li jmur lura l-*MCAST* u għalhekk dejjem baqa' impjegat tal-MCAST.

»Kif wieħed jistenna mingħand persuna li tkun qiegħda taħdem iżda ma tirċivix paga, l-attur għamel diversi tentattivi sabiex jibda jitħallas. Esebixxa korrispondenza ta' Frar 2014 li permezz tagħha kkuntattja lil diversi persuni kkonċernati dwar il-ħlas tas-salarju tiegħu sabiex jinforma ruħu dwar meta se jitħallas iżda kien dejjem jiġi mgħarraf li l-kuntratt tax-xogħol tiegħu mhuwiex lest. F'Marzu 2014 saret *reshuffle* tal-Kabinett u għaldaqstant inbidlu n-nies li magħhom l-attur kien ikkomunika dwar il-ħruġ tas-salarju tiegħu. Fid-9 ta' Settembru 2014 Stephen Cachia mill-*MCAST* informa b'*email* lis-Sur Albert Marshall illi minn Jannar 2014 is-salarju tal-attur kellu jkoprih il-Kunsill Malti tal-Arti. Għalhekk is-Sur Marshall ta struzzjonijiet sabiex jinħareġ is-salarju tal-attur b'lura, minn Jannar 2014. L-attur esebixxa korrispondenza bejnu u s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali datata 29 u 30 ta' Jannar 2015 sabiex ikun hemm laqgħa dwar is-salarju tiegħu. Fis-26 ta' Marzu 2015 l-attur ġie mgħarraf li l-laqgħa li kien se jkollu mas-Segretarju Permanenti kellha ssir ma' ċertu Mario Azzopardi. Is-Sur Azzopardi kien id-direttur tas-servizzi korporattivi fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. Fit-22 ta' Mejju 2015 Mario Azzopardi talab informazzjoni mingħand l-*MCAST* dwar x'kien is-salarju tal-attur u sussegwentament ta struzzjonijiet sabiex l-attur jitħallas €24,556.46 għas-sena 2014 u €7,701. għall-ewwel xhur tas-sena 2015. Kellhom jitnaqqsu l-kontri-

buzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali minn dawn l-ammonti. Dawn is-salarji kellhom joħorġu mill-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

»Skont l-imsemmi Albert Marshall, l-aħħar ġurnata xogħol ta' Jason Masini mal-Kunsill Malti għall-Arti kienet fis-17 ta' Ġunju 2015 u għalhekk l-ammont dovut lil Jason Masini mill-Kunsill Malti għall-Arti, dejjem skont l-istess Albert Marshall, huwa l-ammont ta' €37,000 għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2014 u s-17 ta' Gunju 2015.

»Fix-xhieda tiegħu s-Sur Gilmore Mercieca ddikjara li huwa kien qiegħed jirrapprezenta lil *Arts Council Malta*; li, skont il-kalkoli tal-*Arts Council Malta*, l-ammont dovut għas-salarju ta' Jason Masini huwa ta' sitta u tletin elf, mija u tnejn u tmenin euro u għoxrin centezmu (€36,182.20). Huwa jsostni li Jason Masini qatt ma tħallas il-paga dovuta lilu minhabba l-fatt illi huwa qatt ma kellu kuntratt ta' impjieg u għaldaqstant ma setax jitħallas is-salarju tiegħu.

»Fix-xhieda tiegħu s-Sur Charles Gatt iddikjara li huwa kien iċ-*chairman* tal-*board* tal-*Pjazza Teatru Rjal* u dan minn Mejju 2013. Ikkonferma li meta bdew fl-2013 Jason Masini kien diġà hemm u kien jieħu ħsieb kollox hu, waħdu. Kull ma kellu jgħinuh kienu xi żewġ *part timers* u bdew kważi mix-xejn. Imma minkejja dan kien ikollhom ħafna attivitajiet. Jiftakar lil Jason Masini jieħu ħsieb kollox hu. Jiddikjara li Jason Masini kien jibqa' xogħol sal-erbgħa ta' filgħodu biex iżarma s-sett għax l-għada kien ikollhom xi attività oħra u dan matul il-ġimgħa kollha, kuljum inkluż kull nhar ta' Sibt u kull nhar ta' Ħadd. Ikkonferma li Jason Masini kien infurmah li huwa ma kienx qiegħed jirċievi l-paga dovuta lilu.

»Is-Sur Johann Galea jiddikjara li fis-sena elfejn u erbatax huwa kien jokkupa l-pozizzjoni ta' *director corporate affairs* tal-*Arts Council Malta*. Huwa ddikjara li s-Sur Jason Masini ma nħarġitlu l-ebda paga mill-*Arts Council Malta*. Huwa jispjega kif Jason Masini kien jaħdem mal-*MCAST* u minkejja li fl-opinjoni tiegħu minflok *seconded* kien imissha ntużat l-kelma *redeployment* madanakollu Jason Masini fil-fatt ġie *seconded* mal-Kunsill Malti għal Arti. Jammetti illi s-Sur Jason Masini kellu almenu jitħallas il-paga ekwivalenti tal-paga li kellu mal-*MCAST*. Jammetti li l-Kunsill Malti għall-Arti huwa debitur ta' Jason Masini f'pagi mhux imħallsa; madanakollu l-istess Kunsill Malti għall-Arti ma kienx lest li almenu jħallas l-ammont li skont il-Kunsill Malti għall-Arti huwa dovut lil Jason Masini, jekk l-istess Jason Masini ma jċedix il-kawża.

»Xogħol maċ-*CHOGM*:

»Jispjega kif eventwalment fuq struzzjonijiet tas-Sur Albert Marshall huwa beda jaħdem maċ-*CHOGM*. Jispjega kif anke s-sinjura Phyllis Muscat kienet infurmatu li huwa kien sejjer jibda jaħdem maċ-*CHOGM*. Jispjega wkoll kif kienu anke tawh *email* tal-Gvern li naturalment ma fadallux access għalih. Huwa esebixxa dok JMX 1 u JMX 2 fejn permezz ta' *email* huwa qiegħed jitlob lis-Sur Dalli, l-*accountant* taċ-*CHOGM* sabiex iċ-*CHOGM* tħallas għal xi supplies li kienu nxtraw. Fl-*email account* tas-Sur Paul Dalli hemm indikat b'mod ċar li s-Sur Dalli huwa l-*head of finance, HR & training*, *CHOGM 2015 Taskforce*, u li huwa kien qiegħed jopera mill-uffiċċju taċ-*CHOGM* u ċjoè minn *Notre Dame Gate*, St Calcedonius Square Floriana. Jispjega kif huwa kien jaħdem tmien sigħat kuljum ġewwa l-ufficcju tac-*CHOGM* fejn anke kellu d-*desk* tiegħu.

»Fix-xhieda tagħha Phyllis Muscat issostni li la Jason Masini ma kellux kuntratt allura ma kienx impjegat tac-*CHOGM*. Fix-xhieda tagħha Jessica Abela ssostni li fl-14 ta' Lulju fl-2015 kien bagħat Paul Dalli korrispondenza sabiex isir kuntratt għan-nom ta' Jason Masini iżda fit-18 ta' Lulju 2015 din ir-rikjesta giet irtirata. Għalhekk la sar kuntratt ta' impjieg, u ħlasijiet lil Jason Masini qatt ma saru.

»Jason Masini jallega li maċ-*CHOGM* dam impjegat għal ftit gimgħat biss. B'xhieda ta' dan ipprezenta *email* li huwa bagħat lil Paul Dalli l-*head of finance* taċ-*CHOGM 2015 Taskforce*, sabiex jithallsu xi *invoices*, waħda minnhom indirizzata "*CHOGM Malta*, Jason Masini, *Notredame Gate,* St Calcedonius Square, Floriana"*.*

»Xogħol mal-*V18*:

»Fix-xhieda tiegħu Jason Micallef jiddikjara li Jason Masini għamel xi xogħol żgħir lill-*Fondazzjoni Valletta 2018* u tagħhom tħallas. Jason Griscti jiddikjara li Jason Masini ma kienx imdaħħal fis-sistema tal-*payroll* u ma kienx fuq il-lista tal-ħaddiema għax ma kienx irreġistrat mal-*JobsPlus*, u Catherine Tabone ssostni li, għaliex ma saritx il-proċedura li kellha ssir, allura Jason Masini ma jistax ikun li kien impjegat mal-*Fondazzjoni Valletta 2018*.

»Madanakollu fix-xhieda tiegħu Mario Philip Azzopardi jiddikjara li bejn is-sena 2015 u s-sena 2018 huwa kien *artistic director* tal-*Valletta 18*. Jiddikjara wkoll li meta huwa rraporta għax xogħol huwa kien sab li Jason Masini kien diġà qiegħed jaħdem mal-*Fondazzjoni Valletta 2018*. Jikkonferma wkoll li Jason Masini kien jaħdem fl-ufficcju kien qiegħed jagħmel affarijiet ta' organizzazzjoni. Jikkonferma wkoll li Jason Masini kien involut fil-produzzjoni tal-*Pageant of the Seas*.

»Għalhekk il-verzjoni ta' Jason Masini u ċjoè li huwa kien impjegat mal-*Fondazzjoni Valletta 2018* ġiet ikkonfermata minn Mario Azzopardi stess – l-*artistic director* tal-*Valletta 18*.

»Fl-24 ta' Mejju 2016 il-president tal-*MUT* għarraf lill-attur li l-*MCAST* kienu sejrin jitterminawlu l-impjieg. Il-president kiteb lill-ministri kkonċernati li l-attur kien ilu [*sc.* ma (?)] jirċievi salarju minn Jannar 2014. Fil-25 ta' Mejju 2016 l-attur għarraf lill-prinċipal tal-*MCAST* li kien qiegħed jirrapporta għax-xogħol mal-*V18* u dan fuq struzzjonijiet tas-Sur Albert Marshall. Jason Micallef informa lill-attur li ma kien hemm l-ebda problema u li l-impjieg tiegħu ma kienx sejjer jiġi tterminat.

»Jidher li l-attur temm ix-xogħol mal-*V18* fit-30 ta' Settembru 2017.

»*Omnis labor optat præmium:*

»Minhabba burokrazija ma tispiċċa qatt, minħabba li diversi dipartimenti u entitajiet ma ridux iħallsu dak li bid-dritt huwa dovut lilu dawwruh bħal ċippitatu minn dipartiment għal ieħor, minn entità għal oħra, b'diversi individwi li minflok ma ffukaw sabiex Jason Masini jitħallas il-paga dovuta lilu raw kif farfru mir-responsabiltà u waddbuha fuq ħaddieħor u konsegwentament Jason Masini għadu qiegħed jistenna li jitħallas il-paga dovuta lilu mill-1 ta' Jannar 2014 sat-30 ta' Settembru 2017. B'danakollu ħadd u xejn ma jista' jxejjen il-prinċipju antikissimu u aċċettat minn kulħadd li kull xogħol ħaqqu jiġi kkumpensat.

»Eċċezzjonijiet:

»Il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija eċċepixxa li mhuwiex leġittimu kontradittur u li, bla preġudizzju għal dan, parti mit-talba hi preskritta skont art. 2147(*a*). Jirriżulta li tassew mhuwiex leġittimu kontradittur għaliex fil-perjodu in kwistjoni ma kienx marbut iħallas salarju lill-attur, għajr sal-aħħar tas-sena 2013; liema salarju jidher li tħallas. Tenut kont ta' dan, il-qorti ma tistax tieħu qies tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minn dan il-konvenut.

»Il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura ammetta li għandu jħallas lill-attur tax-xogħol li għamel miegħu iżda sostna li l-ammont mitlub kien esaġerat. Ma jgħidx iżda l-esaġerazzjoni fiex kienet tikkonsisti.

»Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, Mario Cutajar fil-vesti tiegħu bħala *Principal Permanent Secretary and Cabinet Secretary* u in rapprezentanza tal-*International Conferences 2015* u ċ-*CHOGM Taskforce*, il-Ministru tal-Finanzi u tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi eccepew:

»"• il-preskrizzjoni ta' 18-il xahar skont l-artikolu 2148(*d*) tal-Kodiċi Ċivili;

»"• il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri *stante* li, skont l-artikolu 181B(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni;

»"• la l-Ministru tal-Finanzi u lanqas is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi ma huma l-leġittimi kontradittur f'dawn il-proċeduri għaliex ir-rikorrent ma kien qatt impjegat mal-Ministeru tal-Finanzi u ma tirrizulta l-ebda relazzjoni bejn ir-rikorrenti u tali ministeru;

»"• l-esponenti Mario Cutajar, fil-vesti tiegħu bħala *Principal Permenent Secretary* u *Cabinet Secretary*, mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri;

»"• għal dak li jirrigwarda l-mertu, l-esponenti jisħqu li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt kif ukoll qed jikkontestaw bil-qawwa t-talbiet tiegħu.

»Il-qorti tillibera lill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali; lil Mario Cutajar fil-vesti tiegħu bħala *Principal Permanent Secretary and Cabinet Secretary*; lill-Ministru tal-Finanzi u lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi mill-osservanza tal-ġudizzju billi *ex* artikolu 181B(1) tal-Kap. 12 jirrispondi għat-talbiet is-segretarju permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja u mhux il-ministru tiegħu, filwaqt li l-konvenuti l-oħrajn ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-attur.

»L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma ġietx segwita l-proċedura voluta mill-art. 2160 tal-istess Kodiċi u għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tiġi milqugħa. … … …

»… … …

»Barra minn hekk, il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura ammetta li għandu jagħti, anke jekk mhux fl-ammont mitlub mill-attur.

»Il-konvenuta *Fondazzjoni Valletta 18* essenzjalment laqgħet għall-pretensjoni tal-attur billi sostniet li l-attur ma kienx impjegat magħha imma għamel xi xogħlijiet li għalihom tħallas. Mill-provi akkwiżiti iżda jirriżulta li tassew l-attur irrenda xi servizzi li tħallas tagħhom, iżda kien ukoll jagħmel xogħol regolari.

»L-attur ikkomputa l-ammont dovut lilu skont il-kundizzjonijiet tal-*MCAST* mingħajr ma ħa kont tal-ħinijiet twal li kien jagħmel fuq il-post tax-xogħol u għalhekk il-qorti ma ssibx li l-ammont li qiegħed jitlob huwa esaġerat, kif isostnu l-konvenuti.

»Likwidazzjoni:

»Permezz ta' dok. JMX 628, Jason Masini jagħmel *breakdown* tal-perjodu u tal-ammont li huwa qiegħed jitlob li permezz tiegħu wieħed jista' faċilment jifhem kif Jason Masini wasal għaċ-ċifra ta' mija u erbatax il-elf, tmien mija u sebgħa u għoxrin euro u ħamsin ċenteżmu (€114,827.50) u kif dan l-ammont huwa verament dovut lilu. Mexa għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2014 sat-30 ta' Settembru 2017 skont is-salarju li huwa kellu u li kien se jircievi f'dan l-istess perjodu mingħand l-*MCAST*. Ħaġa din wisq raġonevoli.«

8. Il-fondazzjoni appellat b'rikors tad-19 ta' Ottubru 2022, li għalih wieġbu l-kulleġġ, b'appell inċidentali, fit-23 ta' Novembru 2022, u l-attur, ukoll b'appell inċidentali, fl-1 ta' Ġunju 2023. Għall-appell inċidentali tal-kulleġġ wieġbu l-fondazzjoni fis-16 ta' Diċembru 2022 u l-attur fl-4 ta' Lulju 2023. Għall-appell inċidentali tal-attur wieġbu l-kulleġġ fl-10 ta' Lulju 2023 u l-fondazzjoni fil-11 t'Awissu 2023.

9. L-appell tal-kulleġġ jolqot dik il-parti tas-sentenza li kkundannatu jħallas sehmu minn dak dovut lill-attur; l-appell inċidentali tal-fondazzjoni jolqot il-kundanna tiegħu biex iħallas sehem mill-ispejjeż; u l-appell inċidentali tal-attur tolqot dik il-parti tas-sentenza li kkundannat lill-konvenuti jħallsu ishma maqsuma minn dak dovut lilu, billi jidhirlu illi l-kundanna kellha tkun *in solidum*.

10. Nibdew bl-appell tal-fondazzjoni, li fissret l-aggravju hekk:

»… … … l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel qorti waslet għal konklużjoni żbaljata wara li naqset milli tevalwa l-

provi mressqa tant li skartat kull argument imressaq mill-intimata appellanta, kif evidenti mill-kunsiderazzjonijiet tagħha.

»Dan mhux sempliċi aggravju fejn l-esponent jittenta jitlob lil din il-qorti sempliċiment tagħmel xi apprezzament gdid tal-provi b'mod frivolu iżda għaliex l-esponent ġenwinament ma jistax jifhem kif, abbażi ta' xhud wieħed li ma offra l-ebda dettall fuq it-tul ta' allegat impjieg *o meno* tal-attur u l-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel qorti, l-intimata appellanta ġiet ordnata tħallas is-somma ta' sitta u segħin elf euro.

»… … …

»Fattwalment jiġi sottomess illi l-attur appellat Jason Masini qatt ma kien impjegat tal-*Fondazzjoni Valletta 18* (*vide* Dok JG 1 eżebit minn Jason Griscti, xhud tal-esponent, nhar it-3 ta' Frar 2022). Dan kien ikkonfermat permezz tal-istess xhieda:

> »"Fil-fatt hawnhekk quddiemi għandi lista mingħand il-J*obsPlus*, qoegħda *alphabetical order*, u l-kunjom Masini ma jidhirx li ġie reġistrat mal-*JobsPlus*, u Masini … mhux xi kunjom komuni, kieku.«

»… … …

»Il-*Fondazzjoni Valletta 2018* hija entità tal-Gvern u kwalunkwe persuna li tiġi impjegata *full-time* magħha tirrikjedi l-approvazzjoni tas-segretarju permanenti li taħtu tkun taqa' l-istess fondazzjoni.

»… … … it-trasferiment mill-*MCAST* tal-attur, li kien il-post oriġinali ta' impjieg tiegħu, kien għall-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti.

»Il-persuna responsabbli mill-attur appellat kien is-Sur Albert Marshall.

»Jingħad li kemm is-Sur Albert Marshall u kemm is-Sur Charles Gatt, li xehed nhar it-28 ta' Jannar 2020, jikkonfermaw li x-xogħol li kien sar mill-attur kien relatat ma *Pjazza Teatru Rjal*, (li kien jaqa' taht l-aswpiċji tal-Kunsill Malta għall-Kultura u l-Arti u li qabel dan kienet inizjattiva tal-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali). Infatti l-istess Johan Galea xehed li fil-perjodu 2015, meta ġie sabiex jagħmel *restructuring*, kien l-attur li kien imexxi dak relatat ma' *Pjazza Teatru Rjal*.

»… … …

»Issir referenza għax-xhieda ta' Mario Azzopardi tal-10 ta' Diċembru 2020, fejn huwa xehed li l-attur kien ħadem fuq l-avveniment ta' *Pageant of the The Seas.* L-istess attur infatti kien tħallas għall-avveniment ta' *Pageant of the Seas* u infatti kien inħariġlu ċekk għas-servizzi tiegħu fuq l-istess.

»B'referenza lejn l-istess xhieda tas-Sur Azzopardi, l-istess jgħid li hu qatt ma qabbdu xogħol u li wara l-produzzjoni ta' *Pageant of the Seas* l-istess ma ħadimx fuq produzzjoni oħra.

»… … …

»Ġe kkonfermat li l-attur ta servizzi lill-istess *Fondazzjoni Valletta 2018*, ta' liema huwa tħallas (anke fiż-żmien meta allegatament kien qiegħed jaħdem 'regolari' mal-fondazzjoni). … … …

»… … …

»Permezz ta' dok. JM 1 … ġie kkonfermat illi l-attur ġie mħallas tas-segwenti:

»[Dok. JM 1][2]

»Is-Sur Jason Griscti xehed li kienu ilu sa mill-2012 jaħdem mal-*Fondazzjoni Valletta 2018* fid-dipartiment tal-*accounts* u li kien jieħu ħsieb il-*payroll* u li qatt ma kien avviċinat mis-Sur Jason Masini rigward ħlas.

»… … …

»Il-mistoqsija prinċipali hija, kif jista' bniedem jagħmel tliet snin, jew fil-każ tal-fondazzjoni allegatament anqas, jirrapporta għax-xogħol mingħajr pagament u l-istess jibqa' jattendi għall-istess impjieg?

»Ta' min jinnota illi fil-waqt l-attur qiegħed jitlob paga *full-time* ta' tliet snin sħaħ, fix-xhieda tiegħu jgħid li kellu salarju ieħor dieħel, kellu *income* ieħor biżżejjed biex isostnih, tant li wieħed jista' jagħmel assunzjoni li kien jaħdem biżżejjed sigħat sabiex dan l-*income* ikun biżżejjed u b'hekk seta' anke kien hemm *clash* fil-ħinijiet tax-xogħol. Ma ġab l-ebda prova ċara ta' meta kien jaħdem, ħinijiet u ġranet u b'hekk l-ebda prova rigward l-allegata regolarità ta' xogħlu.

»Wieħed qajla jista' jifhem kif wieħed jibqa' jirrapporta għax-xogħol, regolari, meta wieħed ma jkunx qiegħed jitħallas tal-istess.

»Tibqa' wkoll il-kwistjoni illi l-attur qiegħed jgħid li filwaqt li allegatament kien impjegat mal-fondazzjoni huwa kien qiegħed joffri s-servizzi tiegħu lill-istess fondazzjoni. Catherine Tabone[3], fil-kontro-eżami tagħha, qalet li mill-esperjenza tagħha m'huwiex permissibli li wieħed ikun qiegħed jaħdem *full-time* ma entità u fl-istess ħin jagħti s-servizzi tiegħu.

»… … …

»Ix-xhieda kwotata mill-ewwel qorti stess turi li hemm diskrepanza anke fil-każ taż-żminijiet meta l-attur appellat kien impjegat mal-*MCAST* u b'xi mod simultanjament mal-*V18*.

»Li joħroġ ċar huwa li l-attur appellat kien jingħata istruzzjonijiet minn Albert Marshall. Minn xhieda tiegħu stess joħroġ li l-involviment ta' Albert Marshall kien mal-*Arts Council*: "… Jason Masini … kien inkluż mal-i*staff* ta' *Arts Council* … ma' *Pjazza Tejatru Rjal* milli *Arts Council* imma l-*Arts Counċil* kien jikkapeġġja lill-*Pjazza Tejatru Rjal*. Hemmhekk, Jason Masini kien impjegat bħala *technician* inkarigat minn dat-tejatru.«

11. Essenzjalment l-argument tal-fondazzjoni fl-ewwel parti tal-aggravju huwa illi l-attur ma kienx impjegat formalment magħha. L-ewwel qorti iżda, aktar milli fuq relazzjoni formali bejn impjegat u min iħaddmu, sejset il-

[2] Dok. JM 1 huwa skeda li turi xogħol li għalih l-attur tħallas, b'kollox, elfejn u tmintax-il euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€ 2,018.38).

[3] Catherine Tabone hija rappreżentant tal-fondazzjoni.

motivazzjoni tagħha fuq il-prinċipju li kull xogħol ħaqqu ħlasu. Fil-fatt osservat illi kienet biss ineffiċjenza burokratika li wasslet biex ma ġietx formalizzata r-relazzjoni tal-attur ma' dawk li ħadmilhom, u illi din l-ineffiċjenza tal-konvenuti ma għandhiex tagħti vantaġġ lil min jaħti għaliha u jbati l-konsegwenzi l-attur.

12. Għalhekk il-parti tal-aggravju msejsa fuq in-nuqqas ta' relazzjoni formali ta' bejn l-impjegat u min iħaddmu hija miċħuda.

13. Fit-tieni parti tal-aggravju l-fondazzjoni tgħid illi l-attur tħallas għax-xogħol li għamlilha, li verament jikkontradiċi dak li qalet fl-ewwel parti tal-aggravju, *viz.* illi l-attur ma jisħoqqlux ħlas għax mhux impjegat mal-fondazzjoni.

14. Madankollu għandha raġun il-fondazzjoni tgħid illi, ladarba l-attur għandu jitqies u jitħallas bħal impjegat *full-time* magħha tul iż-żmien relevanti, ix-xogħol kollu li jagħmel jitqies parti mid-dmirijiet tiegħu bħala impjegat, u għalhekk il-ħlas li rċieva – b'kollox elfejn u tmintax-il euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€ 2,018.38) – għandu jitqies bħala akkont tas-salarju u jitnaqqas minnu. Tassew illi fl-appell inċidentali tiegħu l-attur igħid illi dan kien ħlas għal "xogħol li ma kellu x'jaqsam xejn mal-impjieg *full time* tiegħu" iżda kien l-istess tip ta' xogħol li għalih kien impjegat, u, la jitqies impjegat *full-time* mal-fondazzjoni, ix-xogħol li għamlilha kien parti mid-dmirijiet tiegħu ta' impjegat.

15. Għalhekk mis-somma ta' sebgħa u sittin elf, mitejn u tnejn u sebgħin euro (€ 67,272) illi l-fondazzjoni ġiet kundannata tħallas lill-attur għandu jitnaqqas il-ħlas ta' elfejn u tmintax-il euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€ 2,018.38) u jibqa' bilanċ ta' ħamsa u sittin elf, mitejn u tlieta u ħamsin

euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€ 65,253.62) li għandha tħallas il-fondazzjoni.

16. Ngħaddu issa għall-appell inċidentali tal-kulleġġ. L-aggravju huwa illi l-kulleġġ ġie kundannat iħallas sehem mill-ispejjeż għalkemm ma tqiesx debitur tal-attur:

> »Fid-*decide* tas-sentenza, il-kulleġġ appellant erronjament ma ġiex illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju u dan minkejja li l-qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha qablet mal-eċċezzjoni mressqa mil-istess kullegg li l-istess ma huwiex il-leġittimu kontradittur. Di fatti, il-kulleġġ ma ġiex ikkundannat iħallas dak mitlub mir-rikorrenti.
>
> »Marbut mas-suespost, filwaqt li l-qorti korrettament ikkunsidrat li l-kulleġġ appellant mhux il-leġittimu kontradittur, il-kulleġġ iħossu aggravat li għandu jbati l-ispejjeż relattivi.
>
> »Għaldaqstant filwaqt li din il-Qorti tal-Appell għandha tikkonferma li l-kulleġġ appellant mhuwiex il-leġittimu kontradditur, għandha tordna li l-ispejjeż relattivi (taż-żewġ istanzi) ma jiġux inkorsi mill-istess kulleġġ li ġie mdaħħal fil-kawża odjerna erronjament.«

17. Tassew illi l-ewwel qorti ordnat illi l-ispejjeż ikunu "a kariku tal-konvenuti kull wieħed a proporzjon tas-somma li għandu jħallas" u l-kulleġġ hu wieħed mill-konvenuti; madankollu, huwa minnu wkoll illi l-kulleġġ ma huwiex fost il-konvenuti kundannati jħallsu s-*sorte*. Mela dak li għandu jħallas il-kulleġġ bħala *sorte* huwa żero, u l-proporzjon ta' żero mas-*sorte* huwa żero. Mela l-kulleġġ ma għandux iħallas spejjeż; anzi jista' jiġbor l-ispejjeż tiegħu mingħand il-konvenuti li għandhom iħallsu sehem mill-ispejjeż.

18. Fi kliem ieħor, l-appell inċidentali tal-kulleġġ sar għalxejn, u għalhekk, għalkemm ma għandu jħallas xejn mill-ispejjeż tal-ewwel grad, l-ispejjeż marbuta mal-appell inċidentali tiegħu għandu jħallashom hu.

19. Ngħaddu issa għall-appell inċidentali tal-attur, li ġie mfisser hekk:

»Mill-provi produċibbli mill-partijiet kollha fl-atti ta' din il-kawża huwa evidentament ċar li ġie ippruvat li, għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2014 u t-30 ta' Settembru 2017, Jason Masini kien irrapporta għax-xogħol ma diversi dipartimenti u entitajiet li iżda dawn ma ridux iħallsu dak li bid-dritt huwa dovut lilu.

»Permezz ta' dok. JMX 6 (*fol.* 275), Jason Masini jagħmel *breakdown* tal-perjodu u tal-ammont li huwa qiegħed jitlob li jkun imħallas. Permezz ta' dan il-*breakdown* wiehed jista' faċilment jifhem kif Jason Masini wasal għaċ-ċifra ta' mija u erbatax il-elf, tmien mija u sebgħa u għoxrin euro u ħamsin ċenteżmu (€114,827.50) u kif dan l-ammont huwa verament dovut lil Jason Masini. Dan *stante* l-fatt li ċ-ċifra li wasal għaliha l-appellat Jason Masini nħadmet skond il-paga li huwa kellu dak iż-żmien.

»Fl-*affidavit* tiegħu b'diversi dokumenti annessi miegħu, Jason Masini jispjega b'mod ċar is-sitwazzjoni li spiċċa fiha. Jispjega kif minħabba burokrazija ma tispiċċa qatt, minħabba li diversi dipartimenti u entitajiet ma ridux iħallsu dak li bi dritt huwa dovut lilu huwa spiċċa litteralment bħal ċippitatu jiġi riferut minn dipartiment għal ieħor, minn entità għal oħra, b'diversi individwi li minflok ma ffukaw sabiex Jason Masini jitħallas il-paga dovuta liiu raw kif farfru mir-responsabiltà u waddbuha fuq ħaddieħor u konsegwentament Jason Masini għadu qiegħed jistenna li jitħallas il-paga dovuta lilu mill-1 ta' Jannar 2014 sat-30 ta' Settembru 2017.

»Fix-xhieda tiegħu Jason Masini jispjega x-xogħol li huwa għamel bejn Jannar 2014 u Septembru 2017. Jispjega kif fuq talba ta' Albert Marshall mill-impjieg tiegħu mal-*MCAST* huwa ġie trasferit għal *Arts Council Malta*. Jispjega kif huwa kien impjegat mal-*Arts Council Malta* mill-bidu nett, tant hu hekk li l-*premises* tal-*Arts Council Malta* kienu għadhom lanqas biss fetħu, fejn anke ġie mitlub sabiex jieħu ħsieb il-*premises*. Jason Masini jesebixxi dok. MJX fejn f'ritratt ippublikat mill-*Malta Independent* tad-19 t' April 2014 taht l-artikolu *String of art and culture activities planned for this spring* huwa evidentament ċar li għal dik il-*press conference* fejn fiha ġew imħabbra l-ewwel programm ta' *events* organizzati mill-*Arts Council Malta*, kien hemm prezenti l-ministru ta' dak iż-żmien Owen Bonniċi, Albert Marshall, Jason Micallef, Charles Gatt u fuq kollox Jason Masini.

»Jispjega kif eventwalment fuq struzzjonijiet ta' Albert Marshall huwa beda jahdem maċ-*CHOGM*. Jispjega kif anke Phyllis Muscat kienet infurmatu li huwa kien ħa jibda jaħdem maċ-*CHOGM*. Jispjega wkoll kif kienu anke tawh *email* tal-Gvern li naturalment ma fadallux aċċess għalih. Huwa esebixxa dok JMX 1 u JMX 2 fejn permezz ta' *email* huwa qiegħed jitlob lis-Sur Dalli, l-*accountant* taċ-*CHOGM* sabiex iċ-*CHOGM* tħallas għal xi *supplies* li kienu nxtraw. Fl- *email account* ta' Paul Dalli hemm indikat b'mod ċar li s-Sur Dalli huwa l-*head of finance, HR & training, CHOGM 2015 taskforce* u li huwa kien qiegħed jopera mill-uffiċċju taċ-*CHOGM* u ċjoè minn *Notre Dame Gate*, St Calcedonius Square Floriana. Jispjega kif huwa kien jaħdem tmien sigħat kuljum ġewwa l-uffiċċju taċ-*CHOGM* fejn anke kellu d-*desk* tiegħu.

»Jispjega kif wara li l-impjieg tiegħu minn maċ-*CHOGM* ġie tterminat, Jason Masini fuq struzzjonijiet tas-Sur Marshall huwa beda jirrapporta

x-xogħol mal-*Fondazzjoni Valletta 2018* ma Jason Micallef fuq *special events* li kellhom. Huwa jispjega x'kien jinvolvi x-xogħol tiegħu mal-*Fondazzjoni Valletta 2018* u anke jesebixxi ritratt ta' *rehearsal of event* fejn Jason Masini kien involut fiha.

»Fix-xhieda tiegħu Jason Masini jispjega li mal-*Fondazzjoni Valletta 2018* huwa għamel xogħol ieħor li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-impjieg *full time* tiegħu u dan b'mod partikolari fl-avveniment ta' *Strait Street event*. Huwa jispjega kif għal dan ix-xogħol, li ma kellu x'jaqsam xejn mal-impjieg *full time* tiegħu, huwa kien ħareg xi *invoices* lil *Fondazzjoni Valletta 2018* u jikkonferma li ta' dawk l-*invoices* huwa kien tħallas.

»Fix-xhieda tiegħu Jason Masini jikkonferma, li minkejja li l-*Malta Arts Council* matul il-mori tal-kawża irrikonoxxew li huma għandhom iħallsu xi ammonti li huma dovuti lilu, madanakollu huwa baqa' qatt ma rċieva xi pagament mingħand l-istess *Malta Arts Council*.

»Finalment permezz ta' dok. JMX 6 (*fol.* 275) Jason Masini jagħmel *breakdown* tal-perjodu u tal-ammont li huwa qiegħed jitlob li jkun imħallas. Permezz ta' dan il-*breakdown* wieħed jista' faċilment jifhem kif Jason Masini wasal għaċ-ċifra ta' mija u erbatax il-elf, tmien mija u sebgħa u għoxrin euro u ħamsin ċenteżmu (€114,827.50) u kif dan l-ammont huwa verament dovut lill-appellat Jason Masini. Dan *stante* l-fatt li ċ-ċifra li wasal għaliha l-appellat Jason Masini nħadmet skond il-paga li huwa kellu dak iż-żmien.

»Filwaqt li l-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura eventwalment irrikonoxxa li għal xi perjodi ta' bejn 1 ta' Jannar 2014 u t-30 ta' Settembru 2017 Jason Masini kien verament qiegħed jahdem mal-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura, iżda minħabba raġunijiet burokratiċi qatt ma sar kuntratt formali u għaihekk ma setgħux jinħargu pagamenti bħala ħlas għas-servizzi mogħtija minnu; jidher li minkejja li mill-provi huwa ppruvat li kien hemm perjodi bejn l-1 ta' Jannar 2014 u t-30 ta' Settembru 2017 li Jason Masini kien impjegat *full time* mal-appellanti *Fondazzjoni Valletta 2018*, l-istess appellanta qegħda tibqa' tinnega dan il-fatt.

»Dan qiegħed jingħad għaliex fix-xhieda tiegħu Jason Micallef jiddikjara li Jason Masini għamel xi xogħol żgħir lill-*Fondazzjoni Valletta 2018* u tagħhom tħallas. Jason Griscti jiddikjara li Jason Masini ma kienx imdaħħal fis-sistema tal-*payroll* u ma kienx fuq il-lista tal-ħaddiema għax ma kienx irreġistrat mal-*JobsPlus*, u Catherine Tabone ssostni li għaliex ma saritx il-proċedura li kellha ssir allura Jason Masini ma jistax ikun li kien impjegat mal-*Fondazzjoni Valletta 2018*.

»Madanakollu fix-xhieda tiegħu Mario Philip Azzopardi jiddikjara li bejn is-sena 2015 u is-sena 2018 huwa kien *artistic director* tal-*Fondazzjoni Valletta 18*. Jiddikjara wkoll li meta huwa rrapporta għax-xogħol huwa kien sab li Jason Masini kien diġà qiegħed jaħdem mal-*Fondazzjoni Valletta 2018*. Jikkonferma wkoll li Jason Masini kien jaħdem fl-uffiċċju u kien qiegħed jagħmel affarijiet ta' organizzazzjoni. Jikkonferma wkoll li Jason Masini kien involut fil-produzzjoni tal-*Pageant of the Seas*.

»Għalhekk huwa evidentament ċar li l-verzjoni Jason Masini u ċjoè li huwa kien impjegat mal-*Fondazzjoni Valletta 2018* qegħda tigi konfermata mix-xhieda ta' Mario Philip Azzopardi stess l-*artistic*

*director* tal-*Valletta 18*. Jason Masini umilment jissottometti li din hija prova konkreta u b'saħħitha li minkejja li huwa ma kellux kuntratt t'impjieg madanakollu huwa xorta waħda kien qiegħed jirrapporta għax-xogħol. Bir-rispett jingħad li min jaħdem irid jitħallas.

»Jista' jagħti l-każ li din il-qorti filwaqt li ċertament se tkun qiegħda taqbel mal-argument tal-ewwel qorti, li ħadd u xejn ma jista' jxejjen il-prinċipju antikissimu u aċċettat minn kulħadd li kull xogħol ħaqqu jiġi ikkumpensat u li għalhekk Jason Masini għandu jitħallas l-ammont ta' €114,579.76 rappreżentanti salarju u *allowances* dovuti lilu għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-20 ta' Settembru 2017 però jista' jkun li din il-qorti tiddeċiedi li tikkundanna lill-intimati jew min minnhom li jħallsu l-ammont ta' € 114,579.76 lil Jason Mason [*recte*, Masini] b'mod differenti minn kif iddeċidiet l-ewwel qorti.«

20. Imbagħad talab illi din il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

»1. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illikwidat l-ammont ta' €114,579.63 a favur Jason Masini; u

»2. tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat lil uħud mill-intimati biss biex iħallsu tali somma u, minflok, tikkundanna lill-intimati kollha *in solidum* bejniethom sabiex iħallsu tali somma lill-attur Jason Masini.«

21. Verament dak mitlub *non sequitur* mill-premessi tal-aggravju. L-attur sejjer jitħallas fuq bażi ta' *quantum meruit* għas-servizz li ta lil kull wieħed minn dawk il-konvenuti li lilhom ta dak is-servizz. Ma ntweriex li kien hemm ftehim ta' solidarjetà passiva bejn il-konvenuti. L-azzjoni ma hijiex *ex delicto* u lanqas ma ntwera li l-konvenuti mxew dolożament biex tiskatta d-disposizzjoni tal-art. 1049 tal-Kodiċi Ċivili.

22. L-aggravju għalhekk ma jistax jintlaqa'.

23. Il-qorti għalhekk wara li tiċħad l-appelli inċidentali tal-kulleġġ u tal-attur tilqa' l-appell tal-fondazzjoni fis-sens biss illi l-kumpens li għandu jitħallas lill-attur mill-istess fondazzjoni għandu jonqos għal ħamsa u sittin elf, mitejn u tlieta u ħamsin euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€ 65,253.62), flimkien mal-imgħax kif ordnat mill-ewwel qorti.

24. Tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

25. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appelli inċidentali tħallashom il-parti li ressqet dak l-appell; l-ispejjeż tal-appell tal-fondazzjoni jinqasmu hekk: sehem minn ħamsa ($^1/_5$) jħallsu l-attur attur u l-erba’ ishma oħra minn ħamsa ($^4/_5$) tħallashom il-fondazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da